# QALB

*Ta'* PETER A. CARUANA

Blanzun
maghluq fuq dirgħajn ommu ġewwa l-ġonna.
Waħda war' l-oħra jiftħu
petali sbieħ
u jroxxu bla mistrieħ
ir-riħa.
Ġewwa l-ġonna timtela
l-arja bil-fwieħa.

Farfett minqux b'kull lewn jgħaddi jittajjar.
Milqut minn dak il-ġmiel
jinżel jistrieħ
fuq dak il-ward sabiħ.
U l-qalb tal-fjur imberrħa għall-imħabba
il-ħlewwiet tagħha tħalli
fuq xoffet il-farfett.

Ferħan jissieħeb m'oħra.
Isoff u jerġa' jtir
lil hemm......
'il bogħod, 'il bogħod fejn qatt il-fjur ma ħolom
imħabbtu ser itemm.
U fuq ward ieħor isbaħ,
milqut bin-nwar biss ta' xemx fietla
iħalli l-farfett l-għasel
li fuq xofftejh
iwassal
fil-ġonna mbiegħda
taż-żmien......
fl-Eternità.

..........................................................

Għajjien,
mitluf fil-frugħa
li taħkem u tkidd lil kull ħlejqa,
il-bniedem ifittex, bla jsib
mistrieħ;



il-faraġ ta' qalbu għajjiena;
hu waħdu
jitolbu
bla jaqla' l-ħelsien tiegħu.
Qalbu tingħasar,
tidbiel,
imħabbtu jagħti 'l min ma jafx iżommha
u jmur iroddha f'mandra tal-bnedmin
fejn hadd aktar ma jqejjes
l-għemejjel ta' xulxin.

*Nota:* Billi din il-poeżija, fl-aħħar harġa ta' *Il-Malti*, bi żball fl-ippaġnar, dehret mingħajr *l-aħħar strofa*, dehrilna xieraq li din id-darba nġibuha sħiħa. — *L-Editur.*

# IL-WERŻIEQ

*Ta'* Bro. HENRY F.S.C.

Fuq siġra, taħt ġebla,
Fil-qilla tax-xemx;
Isemma' dik l-għanja
Li jridha ma ttemmx.

Issibu f'kull naħa
Tal-Gżejjer Maltin;
U medhi f'imħabbtu
Iberbaq il-ħin.

Għanjietu qawwija
'Ma nieqsa mill-ġmiel;
Itenni fid-dija
B'imħabba, bla xkiel.

Kif tersaq ma' ġenbu
Dlonk jiskot, jistrieħ;
Kif terġa' fuq triqtek
Jissokta, ferrieħ.

Min f'ħaġa, min f'oħra,
Ilkoll bħall-werżieq;
Xi tgħid kieku nagħżlu
Is-sewwa mixtieq?

Dik l-għanja ta' ħajtu
Iroddha u jmut;
'Ma qabel itemmha
Jittama...... mikdud.